*TIBDIL TA' KUNJOM TA' MINURI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Gunju 2017

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 685/2016/LSO**

**Stefania Andreinski (K.I.: 0087767M) f' isimha prorpju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Zack Andreinski Arcidiacono**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Stefania Andreinski detentrici tal-karta tal-identita` b'numru 0087767M datat 11 ta’ Awwissu 2016 fejn esponiet: -

Illi fl-Att ta' Twelid registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta' Iskrizzjoni 1823 tas-sena 2012 anness u mmarkat Dok. SA. A, l-isem u kunjom tal-minuri huma indikati bhala 'Zack Andreinski Arcidiacono', fejn 'Andreinski' huwa l-kunjom tal-missier u 'Arcidiacono' huwa l-kunjom ta' l-omm tat-tifel;

Illi kif jirrizulta mic-certificat taz-zwieg registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta' Iskrizzjoni 1379 tas-sena 1993 anness u mmarkat bhala Dok. SA. B, Stephania Arcidiacono u Krasimir Angelov Andreinski zzewgu fit-13 ta' Gunju 1993, fil-Bulgaria;

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv ta' Iskrizzjoni 2075 tas-sena 2014 anness u mmarkat bhala Dok. SA. C, Krassimir Angelov Andreinski miet fit-23 ta' Lulju 2014.

Illi kif jirrizulta mill-kopja vera ta' l-original tal-passaport ta' Michael Andreinski anness u mmarkat bhala Dok. SA. D, il-kunjom ta' Michael li huwa wiehed miz-zewg ahwa ta' Zack Andreinski Arcidiacono huwa biss 'Andreinski' u mhux 'Andreinski Arcidiacono'.

Illi kif jirrizulta mill-kopja vera ta' l-original tal-passaport ta' Angela Andreinski anness u mmarkat bhala Dok.D, il-kunjom ta' Angela li hija wahda miz-zewg ahwa ta' Zack Andreinski Arcidiacono huwa biss 'Andreinski' u mhux 'Andreinski Arcidiacono'.

Illi l-attrici taf b'dawn il-fatti personalment;

Illi din il-kawza qed issir sabiex l-esponent umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna it-tnehhija ta' kunjom ta' Stefania Andreinski bhala xebba, "Arcidiacono" biex l-isem u l-kunjom tal-minuri jigi jaqra "Zack Andreinski" minflok "Zack Andreinksi Arcidiacono" biex b'hekk it-tfal kollha ta' Stefania Andreinski jgibu l-istess kunjom. Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tordna t-tnehhija tal-kunjom 'Arcidiacono' fl-isem il-minuri 'Zack Andreinski Arcidiacono' biex l-isem u l-kunjom tal-minuri jigi jaqra 'Zack Andreinski' fic-certifikat tat-twelid registrat fir-Registru tal-Ufficcju tar-Registru Pubbliku b'numru ta' iskrizzjoni 1823 tas-sena 2012, fil-karta ta' l-identita' tieghu, fil-passaport tieghu, u kull fejn jirrikorri.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta’ Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 31 ta' Ottubru 2016 (fol 18) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi **l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* **tal-Artikolu *254* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi preliminarjament huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li jigi msejjah fil-kawza l-minuri Zack Andreinski Arcidiacono u li ghandu jkun debitament rapprezentat minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, skont id-dispozizzjonijiet **tal-Artikoli 782,783 u 961 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** *in vista* tal-fatt illi l-kawza tirrigwarda t-tibdil fil-kunjom tal-imsemmi minuri;

4. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti ghandha tispecifika taht liema artikolu tal-ligi hija qieghda issejjes l-azzjoni taghha halli b'hekk l-esponent jkun f' qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f' dawn ic-cirkostanzi, l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li

jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrenti tindika taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi hija qieghda torbot il-proceduri istanti;

5. Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jirrileva illi t-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha, *stante* li r-rikorrenti ma tistax titlob ghall-korrezzjoni u dan ghaliex ma jirrizultax mid-dokumenti li gew mehmuza flimkien mar-rikors guramentat li fid-data ta' registrazzjoni tal-Att tat-Twelid ta' iben ir-rikorrenti Zack Andreinski Arcidiacono kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni. Illi, galadarba ma kien sar l-ebda zball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew zieda ta' kunjom iehor ma tista' tigi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat civili skont id-dettami ta' **l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha;

6. Illi madanakollu, bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma tista' titlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni taghha tigi mibdula b'mod li tinkwadra ruhha taht il-parametri msemmija **fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Dan qieghed jigi rilevat *stante* li l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** taghti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha, f' kaz fejn persuna jgib il-provi mehtiega, tawtorizza annotazzjoni fuq **l-att tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tigi maghrufa **b'isem iehor, u mhux b'kunjom iehor**. *[Enfasi tal-esponent].* Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavolat l-azzjoni taghha

sabiex tbiddel **<u>il-kunjom ta' binha u mhux ismu</u>** minn fuq l-Att tat-twelid, il-karta tal-identita' tieghu, il-passaport tieghu u kull fejn jirrikorri, meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat **<u>biss ghal bdil fl-atti tat-twelid.</u>** *[Enfasi tal-esponent];*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-kaz *de quo,* ir-registrazzjoni tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti Zack Andreinski Arcidiacono saret *ai termini* **tal-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili** li jipprovdi illi 'l ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont **l-Artikolu 292A,** kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha. **<u>Illi din l-ghazla hija wahda definittiva u din it-talba ghalhekk ghandha tigi michuda.</u>**

8. Illi ghaldaqstant ma jirrizultax li sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku u ghalhekk l-esponent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri istanti;

9. Illi inoltre fit-talba taghha r-rikorrenti ma talbitx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li hu vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Civili a tenur ta' **l-Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.** *[Enfasi tal-esponent]* It-talba kif postulata mir-rikorrenti ma titlob l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk illi t-talba tar-rikorrenti ghandha ssir f' dan ir-rigward;

10. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

11. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti Stefania Andreinski datata 14 ta' Marzu 2017 a fol 38 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' April 2017 a fol 48 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 2 ta' Mejju 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Amanda Bonnici li assocjat ruhha fil-patrocinju tar-rikorrenti. Dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Id-difensuri qablu li l-kawza tibqa'

differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2017.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza li qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fis-16 ta' Awwissu 2016 (fol 14) u b'hekk it-tieni eccezzjoni hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li jigi korrett l-att tat-twelid ta' binha minuri billi l-isem "Zack Andreinski Arcidiacono" jigi sostitwit b' "Zack Andreinski."

Jirrizulta li l-avukat difensur tal-intimat tat ruhha b'notifikata *seduta stante*, fl-1 ta' Novembru 2016, b'hekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-intimat hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni kif awtorizzata b'digriet tal-1 ta' Novembru 2016 (fol 23) ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-**artikolu 4(3) tal-Kodici Civili**, ulied iz-zwieg jiehdu kunjom il-missier li mieghu jistghu izidu kunjom xbubit l-omm. Fil-kaz odjern, il-minuri ha awtomatikament il-kunjom tal-missier, li mieghu zdied ukoll kunjom xbubit l-omm peress li kienet l-istess omm li marret tirregistra isem it-tarbija u bi zvista ma rrealizatx waqt ir-registrazzjoni, li l-wild l-ohra fiz-zwieg kienet registrata biss bhala 'Angela Andreinski', (liema wild kienet precedentement registrata mill-missier). Ghalhekk, meta saret ir-registrazzjoni tal-minuri Zack, mill-omm, fuq il-formola rikjesta bl-**artikolu 292A tal-Kodici Civili**, gie dikjarat li kunjom il-minuri huwa "Andreinski Arcidiacono". B'hekk dawn id-dettalji gew inseriti fl-att tat-twelid tal-minuri Zack.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur intimat, gie ritenut, li l-artikolu 4(3) ghandu jinqara flimkien mal-artikolu 292A tal-Kodici Civili li ghandu jigi interpretat, li jekk ikun ser jizdied kunjom l-omm ma' dak tal-missier dan ghandu jsir mar-registrazzjoni. Illi gie sottomess fl-istess nota, li fil-kaz in ezami, kienet ir-rikorrenti stess li ddikjarat il-kunjom tal-minuri Zack *ai termini* ta' dawn iz-zewg artikoli tal-ligi. Gie sostnut ukoll, mid-Direttur li d-dikjarazzjoni li ghamlet ir-rikorrenti *ai termini* tal-artikolu 292A tal-Kap 16 saret b'mod liberu u konxju, u gie sottolineat ukoll li r-rikorrenti ma tatx raguni jew mottiv ghaliex hija bi zvista rregistrat kunjom xbubitha wkoll ma' kunjom binha Zack,

(kuntrarjament ghal dak li rrizulta fil-kaz **Manduca vs DRP** sucitat, fejn kienet inghatat il-motivazzjoni).

Illi fil-kaz fl-ismijiet **Julia Manduca et vs Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz mill-On. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju 2016, inghad:

*"Fl-appell tieghu, l-intimat issottometta li skont l-artikolu 292A, l-indikazzjoni ta' x'kunjom ser tadotta t-tarbija ghandha tinghata fil-mument meta jinghata l-avviz tat-twelid permezz tal-konsenja ta' dikjarazzjoni maghmula mill-genituri tat-tarbija li fiha jkun hemm indikat il-kunjom li t-tarbija se tuza. F'dan il-kaz ir-rikorrenti appellati indikaw li l-kunjom li se tuza t-tarbija taghhom Hannah huwa "Douglas Fryer" biss."*

Huwa utli ghalhekk li ssir referenza ghal din is-sentenza billi din il-Qorti riskontrat hi stess talbiet simili u ma hemmx raguni li wiehed jahseb li ma jkunx hemm aktar fil-futur.

Il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li:

*"Il-kwistjoni kollha f'din il-kawza hija jekk dan il-fatt jistax jigi korreggjut abbazi tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili.*

*-omissis-*

*Kemm qorti tasalx biex tawtorizza bdil fil-kunjom ta' persuna jew li jidher li jiddependi sostanzjalment mill-bdil li jkun qed jintalab. Hekk per ezempju fil-kawza fl-ismijiet*

***Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Registru Pubbliku*,**[1] *l-Prim Awla tal-Qorti Civili awtorizzat il-bdil tal-kunjom minn "Dowling Attard" ghal "Dowling" in vista tal-fatt li l-attur kien dejjem maghruf b'tali kunjom. Il-"bdil" tal-kunjom f'tali kaz kien jirrikjedi semplecement it-twaqqiegh ta' wiehed minn zewg kunjomijiet. Fil-kawza fl-ismijiet* ***Damien Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku*,**[2] *invece din il-Qorti (diversament komposta) cahdet it-talba ghall-bdil ta' kunjom minn "Schembri" ghal "Damian Schembri". Ghalkemm kien irrizulta li l-attur (li jismu Damian) mal-milja tas-snin beda jikteb kunjomu "Damian-Schembri", il-qorti irriteniet li ma kienx gust li hija taghti timbru ufficjali ghal dan l-"istil" u ghalhekk cahdet it-talba. L-istess kien gara fil-kawza* ***Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku***[3] *kawza fejn l-attur kien ried ibiddel kunjomu minn "Balzan" kif jidher fic-certifikat tat-twelid tieghu ghal "Balzan Imqareb", il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet irriteniet li ma jidhirx li taht il-ligi nostrana dak li jkun bis-semplici volonta` tieghu jista' jippretendi li jbiddel kunjomu jew jesigi ratifika anke jekk ghalih isarraf bhala xi sinjal distintiv tal-identita` tieghu."*

Illi l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li talba simili tista' tinkwadra fit-termini tal-artikolu 253(1) tal-Kap 16 billi dak li qed jintalab huwa li jigi korregut zball u mhux li jinbidel il-kunjom tal-minuri. Gie ribadit li dan l-artikolu ma jispecifikax x'tip ta' zball jista' jigi korregut u ghalhekk fil-

[1] **Robert Dowling Attard vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. 09.04.2002 – RCP)
[2] **Damian Damian-Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (App.Sup. 16.12.2003).
[3] **Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. 30.06.2004 – PS).

fehma tal-qorti l-"izvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra ruhha tahtha.

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament li hu applikabbli wkoll fil-kaz odjern.

Din il-Qorti tifhem li talbiet ghal bdil ta' kunjom m'ghandhomx jintalqghu leggerment u b'mod kapriccuz. Madankollu jirrizulta mill-gurisprudenza nostrana recenti, li talbiet simili gew ikkonsidrati, partikolarment fejn hemm ness familarji bhal fil-kaz in ezami, fejn tirrizulta diskrepanza bejn il-kunjom tal-ulied ahwa, ulied l-istess rikorrenti. Inoltre`, din il-Qorti ma tistax tinjora l-interessi tal-minuri, specjalment meta l-parametri stabbiliti fl-ligi u kif ukoll fil-gurisprudenza mhumiex qed jigu infranti.

Fil-kaz in ezami, mill-atti esebiti mar-rikors promotur, jirrizulta mill-kopji tal-passaport tal-ulied l-ohra Michael u Angela Andreinski, li kunjomhom huwa "Andreinski". Jigi ritenut, li fix-xhieda taghha r-rikorrenti kkonfermat li kienet hi li rregistrat lil binha Zak, filwaqt li l-ulied l-ohra kienu gew registrati minn missierhom. Izda spjegat ukoll, li fiz-zmien meta marret tirregistra lil binha Zack, hi kienet ghaddejja minn procedura ta' separazzjoni taz-zwieg, u inoltre`, zewgha kien marid terminalment. Ghalkemm ikkonfermat li hija mliet il-formola *ai termini* tal-artikolu 292A billi nizzlet kunjom xbubitha flimkien mal-kunjom Andreinski, izda dan ghamlitu ghaliex ma fehmitx l-implikazzjoni. Hija spjegat li ma kinitx taf kif kellha taghmel ir-registrazzjoni minhabba l-kunjomijiet .

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija sodisfatta li t-talba tar-rikorrenti ghandha tirnexxi.

Ghalhekk, tichad il-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjoni tal-intimat.

Izda, fic-cirkostanzi billi ma sar l-ebda zball da parti tal-intimat, l-Qorti tilqa' t-tmien u l-hdax-il eccezzjoni tad-Direttur intimat, billi jidhrilha li l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

Ikkonsidrat, li l-ommissjoni tat-talba sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Huwa evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrenti, ghandha tipprocedi biex taghti ordni lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk d-disa' eccezzjoni hija wkoll indirizzata u sorvolata.

Ghar-rigward tat-talba ghat-tibdil fil-karta tal-Identita' u fil-passaport tal-minuri, tali talba tesorbita mill-kompetenza f'dawn il-proceduri u ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din il-parti tat-talba.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, u tilqa' t-talba tar-rikorrenti u kwindi tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-att tat-twelid numru 1823 tas-sena 2012, billi l-isem u l-kunjom tal-minuri kif hemmhekk imnizzel "Zack Andeinski Arcidiacono" jigi sostitwit b' "Zack Andreinski."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Gunju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2017**